



Linji gwida mhux vinkolanti għas-Settur tal- hairdressing

Ġunju 2021

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Direttorat Ġenerali tal-Impjegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni
Direttorat għall-Kundizzjonijiet tax-Xogħol u d-Djalogu Soċjali
Unità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol
Il-Kummissjoni Ewropea
B-1049 Brussell

Posta elettronika: EMPL-C2-UNIT@ec.europa.eu

Linji gwida mhux vinkolanti għas- Settur tal-hairdressing

Manuskritt li tlesta f'Ġunju 2021

Dan id-dokument tnejja għall-Kummissjoni Ewropea; iżda, jirrifletti l-fehmiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni Ewropea mhi responsabbli għall-ebda konsegwenza li tirriżulta mill-użu mill-ġdid ta' din il-pubblikazzjoni. Aktar tagħrif dwar l-Unjoni Ewropea huwa disponibbli fuq l-internet (<http://www.europa.eu>).

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

© L-Unjoni Ewropea, 2022



Il-politika dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni Ewropea hija implimentata abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/833/UE tat-12 ta' Diċembru 2011 dwar l-użu mill-ġdid ta' dokumenti tal-Kummissjoni (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Sakemm ma jiġix irrimarkat mod ieħor, l-użu mill-ġdid ta' dan id-dokument huwa awtorizzat taħt liċenzja ta' Creative Commons Attribution 4.0 International (CC-BY 4.0) (<https://creativecommons.org/licenses/by/4.0/>). Dan ifisser li l-użu mill-ġdid huwa permess dment li jingħata kreditu xieraq u li tiġi indikata kwalunkwe bidla.

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' elementi li mhumiex proprjetà tal-Unjoni Ewropea, jista' jkun meħtieġ li jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet rispettivi.

MT PDF

ISBN 978-92-76-42370-6

doi: 10.2767/997128

KE-01-21-346-MT-N

Werrej

Rimarki introduttorji	6
1. Valutazzjoni tar-riskju b'mod ġenerali	7
1.1. Obbligu legali: Id-Direttiva Qafas 89/391/KEE	7
1.2. Riskji u konsegwenzi	7
1.3. Valutazzjoni tar-riskju: għodda biex tiġi ddeterminata l-ġestjoni tar-riskju9	
2. Speċifikitajiet tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali fis-settur tal-hairdressing	12
2.1. Il-post tax-xogħol	12
2.2. Taħriġ u edukazzjoni.....	13
2.3. Disturbi muskuloskeletalni	13
2.3.1. Għamla tal-post tax-xogħol u tagħmir adegwat	14
2.4. Mard tal-ġilda	15
2.4.1. Miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni	15
2.5. Problemi respiratorji.....	17
2.6. Tinnitus, ħsara fis-smiġħ u għeja minħabba storbu fuq ix-xogħol	18
Lista ta' links utli	20

Rimarki introduttorji

It-tnejn ta' linji gwida mhux vinkolanti għas-settur tal-hairdressing hija parti minn sett ta' attivitajiet maqbula b'mod konġunt biex jappoġġaw implimentazzjoni awtonoma tal-Ftehim Qafas Ewropew dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà Okkupazzjonali fis-Settur tal-hairdressing.

Dan l-abbozz tnejn mid-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni f'konformità mal-konklużjonijiet tad-diskussjonijiet fil-laqgħat li saru mas-sħab soċjali fis-26 ta' Marzu 2019, fil-5 ta' Diċembru 2019, fil-15 ta' Settembru 2020, fit-2 ta' Diċembru 2020 u fid-29 ta' Marzu 2021.

L-elementi kollha meqjusa rilevanti mis-sħab soċjali huma inklużi f'dan l-abbozz tal-fuljett. Madankollu, biex jinżamm qasir u sempliċi, mhux kollha huma esplorati fil-fond.

Ġie deċiż li din il-pubblikazzjoni jeħtieġ tkun immirata għall-amministrazzjonijiet nazzjonali (inklużi l-ispettorati nazzjonali tax-xogħol), li min-naħa tagħhom jeħtieġ, jadattaw il-fuljett kif jixraq biex jilħqu b'mod effettiv lill-hairdressers individwali f'pajjiżhom⁽¹⁾.

Il-kontenut huwa bbażat mill-qrib fuq dokumenti ta' referenza pprovduti mis-sħab soċjali.

M'hemm l-ebda dubju li s-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali fuq il-post tax-xogħol u, b'mod partikolari, ir-regola tad-deheb dwar is-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali – il-prinċipji ġenerali tal-prevenzjoni – saru aktar importanti minn qatt qabel. Din hija r-raġuni għall-inklużjoni f'dan id-dokument – minbarra l-kontenut miftiehem – ta' xi informazzjoni dwar il-linji gwida li jindirizzaw l-isfidi fuq il-post tax-xogħol waqt il-pandemija tal-COVID-19.

(¹) Dawn il-linji gwida jistgħu jkunu utli wkoll għal organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet, gruppi ta' ħidma u kunitati oħrajn fil-livell tal-Unjoni Ewropea u dak nazzjonali.

1. Valutazzjoni tar-riskju b'mod ġenerali

1.1. Obbligu legali: Id-Direttiva Qafas 89/391/KEE

Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol ⁽²⁾ (Direttiva qafas) timponi diversi obbligi fuq l-impjegaturi (inklużi dawk fis-settur tal-hairdressing). Skont l-Artikolu 5, l-impjegatur għandu jkollu d-dmir li jiżgura s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema f'kull aspekk relatat max-xogħol. F'dan ir-rigward, l-Artikolu 6 jispeċifika li l-impjegatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa għas-sigurtà u l-protezzjoni tas-saħħa tal-ħaddiema, inkluż il-prevenzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol u l-għoti ta' informazzjoni u taħriġ, kif ukoll l-għoti tal-organizzazzjoni u l-mezzi meħtieġa.

Fi kwalunkwe post tax-xogħol, inklużi l-ħwienet tax-xagħar, huwa importanti ħafna li jiġu applikati l-prinċipji ġenerali tal-prevenzjoni. Dawn il-prinċipji jinkludu regoli bħall-evitar tar-riskji, il-ġlieda kontra r-riskju mis-sors u l-evalwazzjoni tar-riskji li ma jistgħux jiġu evitati. F'konformità ma' dawn il-prinċipji, l-impjegatur għandu jwettaq valutazzjoni tar-riskju li tqis in-natura tal-attivitàjiet tal-intrapriża.

Prinċipju ieħor li huwa importanti ħafna fis-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali huwa l-prinċipju tas-sostituzzjoni, li f'dan il-kuntest ifisser li tingħata preferenza lil dawk il-prodotti kożmetiċi ⁽³⁾ li joffru l-ogħla livell ta' protezzjoni għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema. Meta sostituzzjoni ma tkunx possibbli, l-impjegatur għandu juża prodotti kożmetiċi li jinvolvu l-inqas livell ta' espożizzjoni (applikaturi b'żewġ kompartimenti, paste, granulati, eċċ.).

Madankollu, jeħtieġ jiġi enfasizzat li l-paragrafi ta' hawn fuq jispjegaw ir-rekwiżiti minimi kif stabbiliti mid-Direttiva qafas u minn direttivi rilevanti oħrajn, u l-Istati Membri jistgħu jżommu jew japplikaw rekwiżiti aktar stretti. Fi kliem ieħor, hemm lok għall-Istati Membri biex jiddeċiedu liema soluzzjonijiet speċifiċi huma l-aħjar għas-sitwazzjoni tagħhom dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi fil-livell tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, l-utenti ta' dawn il-linji gwida fl-Istati Membri huma rrakkomandati li l-ewwel jivverifikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplementaw id-Direttiva qafas u direttivi rilevanti oħrajn fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom.

1.2. Riskji u konsegwenzi

Fuq il-post tax-xogħol, il-hairdressers huma esposti għal **tipi differenti ta' riskji** li jistgħu jikkawżaw uġiġ u mard, kif ukoll iwasslu għall-okkorrenza ta' aċċidenti.

Il-maġġoranza tal-hairdressers huma nisa (spiss ta' età li jista' jkollhom it-tfal). Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema nisa tqal għandhom ikunu f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva 92/85/KEE ⁽⁴⁾, il-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-fehimiet kollettivi tax-xogħol. Fil-livell tal-UE, rekwiżiti partikolari tas-saħħa u s-sigurtà

⁽²⁾ ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

⁽³⁾ Il-prodotti kożmetiċi huma regolati mir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi, kif emendat (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59). Skont id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament, għal kull prodott kożmetiku mqiegħed fis-suq, il-persuna responsabbli (eż. il-manifattur, l-importatur jew id-distributur) għandha tiżgura s-sigurtà u l-konformità mal-obbligi rilevanti stabbiliti f'dan ir-regolament. Il-prodotti użati fil-ħwienet tax-xagħar għandhom ikunu konformi mar-regolament.

⁽⁴⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed ireddegħu (l-għaxar Direttiva partikolari fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), kif emendata, p. 1.

okkupazzjonali fir-rigward tal-ħaddiema nisa tqal, tal-ħaddiema li welldu reċentement u tal-ħaddiema li qed iredgħu jeħtieġ jitqiesu mill-impjegaturi meta jippjanaw u jorganizzaw attivitajiet ta' xogħol (l-Artikoli 4(1) u 5). Filwaqt li jirrispetta kwalunkwe dispożizzjoni nazzjonali aktar stretta eżistenti, l-impjegatur għandu jivvaluta jekk mara tqila tistax twettaq kompitu f'kundizzjonijiet tax-xogħol partikolari. L-Anness I tad-Direttiva msemmija hawn fuq fih lista mhux eżawrjenti ta' aġenti, proċessi u kundizzjonijiet tax-xogħol għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1), filwaqt li l-Anness II jelenka b'mod mhux eżawrjenti aġenti u kundizzjonijiet tax-xogħol imsemmija fl-Artikolu 6 (każijiet li fihom l-esponiment huwa pprobit).

Ir-riskji okkupazzjonali jista' jkollhom kawżi differenti: l-imġiba tal-hairdressers, it-tekniki użati, l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-għamla tal-post tax-xogħol. Il-prattiki tax-xogħol u l-fatturi ambjentali li jistgħu jirrappreżentaw riskju għas-saħħa u s-sigurtà tal-hairdressers jinkludu:

- xogħol b'idejn imxarrba,
- l-użu ta' prodotti kożmetiċi,
- l-użu ta' xfafar u ta' strumenti li jaqtgħu,
- ħin bil-wieqfa għal perjodi twal ta' ħin,
- il-ħidma b'qagħda mgħawġa għal perjodi twal ta' ħin,
- in-nuqqas ta' lbies ta' tagħmir protettiv jew dan jintlibes b'mod inkorrett,
- l-applikazzjoni ta' prodotti b'mod żbaljat (eż. in-nuqqas ta' dilwizzjoni ta' prodotti konċentrati, bħal xampù u prodotti koloranti, kif indikat),
- varjazzjoni insuffiċjenti fil-qagħda u fil-kompiti,
- spazju insuffiċjenti għall-moviment,
- l-użu ta' tagħmir miżmum ħażin,
- dawl ħażin,
- kurrenti tar-riħ jew varjazzjonijiet fit-temperatura,
- storbu,
- ħżin mhux xieraq (mhux fix-xott, fil-frisk jew f'temperatura ambjentali) tal-prodotti (eż. kożmetiċi, fliexken, laned tal-isprej, flasks, kontenituri).

Dawn ir-riskji jistgħu jikkontribwixxu għal **kundizzjonijiet serji tas-saħħa**. Pereżempju, l-adozzjoni ta' qagħdiet tax-xogħol ta' strapazz għal perjodu twil ta' ħin, flimkien ma' movimenti ripetittivi, tista' tikkawża uġiġħ fl-idejn, fl-ispallejn, fid-dahar, fir-riġlejn (vini varikużi) u fis-saqajn, u tikkawża **disturbi muskoloskeletal** relatati max-xogħol.

Kuntatt ripetut mal-ilma u ma' prodotti kożmetiċi jista' jikkawża ekżema fl-idejn, reazzjonijiet allerġiċi, uġiġħ ta' ras u problemi respiratorji.

Il-problemi respiratorji jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn sistema ta' ventilazzjoni mhux adegwata jew minn nuqqas ta' tali sistema.

L-istorbu fuq il-post tax-xogħol jista' jikkawża wkoll insuffiċjenza fis-smiġh b'mod permanenti jew tinnitus. Tagħmir storbuż (eż. hairdryers) u saħansitra mużika fl-isfond ifixklu l-komunikazzjoni u jżidu s-sensazzjoni ta' għeja.

L-organizzazzjoni tal-kompiti tax-xogħol, l-organizzazzjoni tal-post tax-xogħol u s-siġhat tax-xogħol twal u irregolari jistgħu jaffettwaw ukoll lill-hairdressers – bħal kwalunkwe ħaddiem ieħor – fis-sens li jistgħu jbatu minn **stress relatat max-xogħol**.

B'mod ġenerali, dawn is-sofferenzi jaffettwaw il-kwalità tax-xogħol u tal-ħajja u, fuq medda twila ta' żmien, dawn il-kundizzjonijiet tas-saħħa jistgħu eventwalment jġiegħlu lil xi hairdressers jabbandunaw il-professjoni.

1.3. Valutazzjoni tar-riskju: għodda biex tiġi ddeterminata l-ġestjoni tar-riskju

It-tweġġ ta' valutazzjoni tar-riskju huwa obbligu legali u l-aħjar mod kif jiġu ġestiti r-riskji. B'mod ġenerali, jeħtieġ li valutazzjoni tar-riskju tiġi adattata għal post tax-xogħol partikolari u għall-ispeċifitàtiet tiegħu. Fil-prinċipju, l-impjegaturi jenħtieġ li jivvalutaw il-ħanut tax-xagħar biex jidentifikaw ir-riskji eżistenti u potenzjali u mbagħad jelenkawhom, akkumpanjati minn miżuri preventivi u protettivi. L-impjegatur jeħtieġ jiddiskuti wkoll is-sejbiet mal-persunal u mbagħad jgħaqqad pjan preventiv u protettiv rilevanti.

Sabiex jissodisfaw l-obbligu tal-valutazzjoni tar-riskju, l-impjegaturi jaf ikunu jridu jiffamiljarizzaw ruħhom ma' xi għodod online disponibbli fil-livell Ewropew u dak nazzjonali. Pereżempju, l-għodda għall-Valutazzjoni tar-Riskju interattiva Online (OiRA), żviluppata mill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), toffri struzzjonijiet u għajnuniet prattiċi għall-valutazzjoni tar-riskji fis-settur tal-hairdressing. L-għodda hija disponibbli fuq <https://oiraproject.eu/mt/oiratools/hairdressers>.

Hemm ukoll riżorsi ta' valutazzjoni tar-riskju nazzjonali u siti web li ta' min jiċċekkjahom.

Pajjiżi b'riżorsi ta' valutazzjoni tar-riskju

- **Il-Belġju.** Infografika:
 - <http://www.coiffure.org/nl/sectorinfo/preventie-welzijn>
- **Il-Ġermanja.** Applikazzjoni għall-valutazzjoni tar-riskju tal-hairdressers:
 - <https://www.bgw-online.de>

Pajjiżi bl-approċċ tagħhom stess tal-għodda għall-valutazzjoni tar-riskju interattiva

- **In-Netherlands:**
 - <https://healthyhairdresser.nl/>
 - <https://healthyhairdresser.nl/rie>
- **L-Irlanda.** BeSMART:
 - <http://www.besmart.ie>
 - <http://www.besmart.ie/supported-business-types>
- **Spanja.** *Peluquerias y centros de estética:*
 - <https://www.prevencion10.es/>
- **Franza.** L-għodda għall-valutazzjoni tar-riskju interattiva għall-hairdressers saret disponibbli online f'Jannar 2021 fi sħubija mal-organizzazzjonijiet tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Din kienet akkumpanjata mill-pubblikazzjoni ta' fuljett ta' informazzjoni li jippreżenta r-riskji okkupazzjonali ewlenin relatati mas-settur kif ukoll statistika ewlenija f'termini ta' aċċidenti fuq ix-xogħol u mard okkupazzjonali.
 - Għodda: <https://www.inrs.fr/media.html?refINRS=outil75>

- Fuljett ta' informazzjoni:
<https://www.inrs.fr/media.html?refINRS=ED %206397>

Barra l-Unjoni Ewropea

- **In-Norveġja.** *Risikohjelpen*, amministrata mill-Awtorità Norveġiża għall-Ispezzjoni tax-Xogħol: <https://risikohjelpen.arbeidstilsynet.no/>.
- **L-Iżvizzera.** *Protection de la santé et sécurité dans la branche de la coiffure. Manuel de la solution pour la branche* – manwal li jrid ikun disponibbli f'kull ħanut tax-xagħar.
- **Ir-Renju Unit.** <http://www.hse.gov.uk/toolbox/> u <https://www.hse.gov.uk/simple-health-safety/risk/steps-needed-to-manage-risk.htm>.

Is-sorsi ta' informazzjoni kkunsidrati meta titwettag u/jew tiġi aġġornata valutazzjoni tar-riskju jistgħu jkunu varji u, b'mod partikolari, jistgħu jinkludu l-osservazzjonijiet tal-impjegaturi stess, il-kummenti u s-suġġerimenti tal-hairdressers, it-tagħlimiet meħuda minn “kważi aċċidenti” (avvenimenti li kellhom il-potenzjal li jirriżultaw f'korriment, mard jew ħsara iżda b'xorti tajba ma kinux) u reġistru ta' aċċidenti.

Valutazzjoni tar-riskju tidentifika r-riskji u tistabbilixxi azzjonijiet preventivi u protettivi xierqa biex jiġu eliminati jew jitnaqqsu dawk ir-riskji.

Fil-każ tal-hairdressing, it-tipi ta' riskji identifikati, u l-miżuri biex dawn jiġu indirizzati, jinkludu:

- riskji bijoloġiċi – jiġu implimentati prattiki tajbin ta' iġjene, pereżempju diżinfettar regolari tal-art u tat-tojlits;
- riskji fiżiċi – jitnaqqas l-istorbju u jiġi pprovdut dawl adegwat;
- riskji kimiċi (biex jiġu evitati reazzjonijiet u sensitizzazzjoni tal-ġilda u tal-apparat respiratorju);
- riskji elettriċi – l-użu ta' tagħmir iċċertifikat biss;
- żlieq u waqgħat – jiġi żgurat li l-post tax-xogħol u t-tagħmir kollu jinżammu sew;
- ħruq u qatgħat – l-użu ta' tagħmir iċċertifikat biss;
- stress relatat max-xogħol – jiġu definiti b'mod ċar il-kompiti, eċċ.

Riskji ġodda jistgħu jiffaċċaw fi kwalunkwe ħin, u xi drabi jeħtieġu rispons immedjat. Pereżempju, bħala riżultat tal-pandemija attwali tal-COVID-19, l-impjegaturi jridu jikkunsidraw aktar fatturi relatati mal-aġenti bijoloġiċi fil-valutazzjoni tar-riskju tagħhom u jsegwu ħafna aktar regoli mmirati biex iżommu lill-persunal tagħhom sikur u jipprevjenu t-tixrid tal-coronavirus ⁽⁵⁾. Biex tappoġġa lill-impjegaturi f'termini prattiċi, l-EU-OSHA ppubblikat gwida rilevanti li tindirizza l-COVID-19 fuq il-post tax-xogħol ⁽⁶⁾. Din il-gwida tgħin lill-impjegaturi jittrattaw l-aspetti tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol matul din il-kriżi tas-saħħa mingħajr preċedent ⁽⁷⁾. Telenka wkoll linji gwida nazzjonali disponibbli għal setturi u għal okkupazzjonijiet speċifiċi. Barra minn hekk, l-EU-OSHA qiegħdet għad-dispożizzjoni għodda ta' valutazzjoni tar-riskju online speċifika biex tappoġġa l-valutazzjoni tar-riskju tal-COVID-19 fuq il-post tax-xogħol.

Ta' min jinnota li hemm rekwiżit legali li tiġi dokumentata l-valutazzjoni tar-riskju u l-miżuri preventivi jew protettivi li jridu jittieħdu. Meta tiġi ddokumentata l-valutazzjoni tar-riskju, huwa rrakkomandat li jiġu inklużi:

⁽⁵⁾ Imposti wkoll mill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika.

⁽⁶⁾ Ara t-taqsim 3.

⁽⁷⁾ Ara wkoll <https://coiffure.eu/social-dialog/official-documents/covid-19-protection-health-hairdressers>.

Linji gwida mhux vinkolanti għas-settur tal-hairdressing

- l-isem u l-kariga tal-persuna/i li twettaq/jwettqu l-valutazzjoni;
- ir-riskji identifikati;
- liema grupp ta' ħaddiema, jekk ikun hemm, jiffaċċja riskji partikolari;
- kwalunkwe miżura meħtieġa meħuda b'riżultat ta' dan;
- l-isem u l-funzjoni tal-persuna/i responsabbli għall-miżuri;
- il-perjodu ta' żmien ta' segwitu.

Huwa rrakkomandat ferm li l-ħaddiema kollha, inklużi l-hairdressers, jiffamiljarizzaw ruħhom mal-pjan obbligatorju ta' prevenzjoni fuq il-post tax-xogħol tagħhom u jingħataw struzzjonijiet dwar kif jaġixxu kuljum biex jiżguraw is-saħħa u s-sigurtà tagħhom stess u dik tal-kollegi tagħhom. Fil-każ tal-hairdressing, dan se jinkludi l-immaniġġjar sikur tal-prodotti kożmetiċi u l-prevenzjoni tal-aċċidenti.

2. Speċifitàjiet tas-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali fis-settur tal-hairdressing

Sabiex jiġu promossi aspetti tal-ambjent tax-xogħol relatati mas-saħħa u s-sigurtà fis-settur, huwa rrakkomandat li tiġi żviluppata rotazzjoni tal-kompiti sabiex kemm jista' jkun jiġu evitati movimenti ripetitivi jew xogħol ta' strapazz fuq perjodu estiż. Huwa importanti wkoll li jiġi kkunsidrat il-progress tekniku fl-ergonomija meta jinxtrow tagħmir u għodod ġodda u meta l-bini jiġi arredat għall-ewwel darba jew jiġi mgħammar mill-ġdid⁽⁸⁾. Sabiex jiġu evitati inċidenti fil-ħwienet tax-xagħar u jiġi żgurat ambjent tax-xogħol sikur, huwa rrakkomandat li l-prodotti kożmetiċi jinħażnu f'kundizzjonijiet xierqa (friski sa temperatura ambjentali), il-fliexken jinħażnu ssiġillati fil-pakkett oriġinali u l-prodotti f'periklu li jieħdu n-nar jinżammu 'l bogħod minn materjali li jaqbdu⁽⁹⁾. Barra minn hekk, huwa rrakkomandat li jittieħdu miżuri protettivi kollettivi u individwali⁽¹⁰⁾.

2.1. Il-post tax-xogħol

Ir-rekwiżiti minimi tas-sigurtà u tas-saħħa għall-postijiet tax-xogħol użati għall-ewwel darba u għall-postijiet tax-xogħol li diġà qed jintużaw huma stabbiliti fl-Anness I u fl-Anness II, rispettivament, tad-Direttiva 89/654/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fuq il-post tax-xogħol (l-ewwel direttiva individwali fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE)⁽¹¹⁾.

Iż-żewġ annessi jimponu obbligi rigward parametri bażiċi bħall-istabbiltà u s-solidità tal-installazzjonijiet elettriki fil-binjiet, fl-abitazzjonijiet u fil-postijiet tax-xogħol; ir-rotot u l-ħruġ ta' emerġenza; it-tagħmir tad-detezzjoni tan-nar; u t-tagħmir għat-tifi tan-nar; kif ukoll il-ventilazzjoni ta' postijiet tax-xogħol magħluqa biex tinżamm temperatura ambjentali adegwata⁽¹²⁾, dawl naturali u dawl artifiċjali; l-artijiet, is-soqfa u l-bjut; it-twieqi, il-bibien u l-kanċelli; id-dimensjonijiet tal-kamra; u l-ispazju tal-ajru fil-kmamar – il-libertà tal-moviment fl-istazzjon tax-xogħol, il-kmamar tal-pawżi u t-tagħmir sanitarju⁽¹³⁾.

B'mod ġenerali, sabiex jiġu ggarantiti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema meta jkunu fuq ix-xogħol, il-post tax-xogħol jeħtieġ ikun organizzat sew u jkun ergonomiku. Jekk il-post tax-xogħol ma jissodisfax dawn il-kriterji, hemm probabbiltà kbira li l-ħaddiema jesperjenzaw kwistjonijiet tas-saħħa.

B'mod importanti, il-hairdressers, bħal ħaddiema oħra, jiffaċċjaw fuq bażi regolari, stress relatat max-xogħol⁽¹⁴⁾, li l-kawżi tiegħu jistgħu jinkludu ammont kbir ta' xogħol, il-ħtieġa li jaħdmu sigħat irregolari, l-inabbiltà li jittieħdu biżżejjed pawżi, domandi eċċessivi tax-xogħol jew nuqqas ta' ċarezza dwar il-kompiti li jridu jitwettqu. Ta' min jinnota li minbarra l-problemi tas-saħħa mentali, il-ħaddiema li jbatu minn stress għal perjodi twal jistgħu jżviluppaw problemi serji ta' saħħa fiżika bħal problemi muskuloskeletalni.

⁽⁸⁾ Il-Klawżola 5(2) u l-Klawżola 5(3) (postijiet tax-xogħol ergonomiċi) tal-Ftehim Qafas Ewropew dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol fis-Settur tal-hairdressing.

⁽⁹⁾ Il-Klawżola 6 (il-prevenzjoni tal-inċidenti u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol) tal-Ftehim Qafas Ewropew dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol fis-Settur tal-hairdressing.

⁽¹⁰⁾ Il-Klawżola 8 (miżuri kollettivi ta' protezzjoni) u l-Klawżola 9 (miżuri individwali ta' protezzjoni) tal-Ftehim Qafas Ewropew dwar il-Protezzjoni tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-post tax-xogħol fis-Settur tal-hairdressing.

⁽¹¹⁾ ĠU L 393 30.12.1989, p. 1, kif emendata.

⁽¹²⁾ Pereżempju, il-kesħa żżid il-qawwa muskolari meħtieġa tal-parti t'isfel tad-dirgħajn u tpoġġi stress fuq l-għeruq, li jwassal għal immaniġġjar mhux xieraq tat-tagħmir.

⁽¹³⁾ Huwa importanti li jiġi indikat li d-Direttiva msemmija hawn fuq tistabbilixxi biss rekwiżiti minimi u l-Istati Membri jistgħu jintroduċu rekwiżiti aktar stretti f'dan il-qasam.

⁽¹⁴⁾ Għal kwistjonijiet relatati mal-istress, ara <https://osha.europa.eu/mt/themes/psychosocial-risks-and-stress>.

2.2. Taħriġ u edukazzjoni

Huwa importanti li wieħed jiftakar li matul il-karriera professjonali tagħhom, il-hairdressers – f'konformità mar-regoli nazzjonali rilevanti – jeħtieġ li jwettqu korsijiet (ta' aġġornament) dwar diversi suġġetti professjonali bħat-tekniki ergonomiċi u s-sessjonijiet ta' taħriġ dwar is-saħħa u s-sigurtà okkupazzjonali. L-għan huwa li dawn ikunu jistgħu jitrattaw l-ambjent tax-xogħol li qed jinbidel u li jkunu jistgħu jivvalutaw ir-riskji relatati mal-użu ta' ċerti tekniki/qagħdiet/tagħmir jew mal-fatt li jkollhom ċerti drawwiet.

Il-kontenut tal-kors jeħtieġ jiġi ppreżentat b'enfasi fuq l-aspetti prattiċi f'ambjent ta' dinja reali biex jiġi żgurat li l-hairdresser jipprattikaw regolarment u b'suċċess dak li jkunu tgħallmu. Dan il-kontenut jista' jingħata wkoll permezz ta' struzzjonijiet viżwali, pereżempju fuq pjattaformi tal-vidjo, applikazzjonijiet, media soċjali u smartphones.

2.3. Disturbi muskuloskeletal

L-aktar **sintomi** komuni ta' disturbi muskuloskeletal huma uġiġħ, ħakk, sindromu tal-carpal tunnel, irritazzjoni, sħana, il-buġħawwieġ, riġidità, debbulizza u telf tas-sens tal-mess waqt iċ-ċaqliq. Iż-żoni affettwati jistgħu jinkludu l-ispalel, il-minkbejn, il-polz/l-idejn (in-naħa ta' fuq tad-dirgħajn), l-irkopptejn (in-naħa t'isfel tar-riġlejn), l-għonq u d-dahar.

Id-disturbi muskuloskeletal jistgħu jidhru f'daqqa, iżda ġeneralment jiżviluppaw b'mod aktar gradwali. Tipikament, l-uġiġħ u l-għeja l-ewwel jiġu esperjenzati fi tmiem il-ġurnata tax-xogħol iżda jgħaddu wara perjodu ta' mistrieħ. Aktar tard, l-uġiġħ jista' jippersisti anki wara l-mistrieħ. Barra minn hekk, l-uġiġħ jista' jfixxkel l-irqad, li jaffettwa l-prestazzjoni tax-xogħol. Sussegwentement, is-sintomi jistgħu jwasslu għal assenzi qosra mix-xogħol. Eventwalment, l-uġiġħ jista' ma jitlaqx: il-muskoli għajjenin jieqfu jaħdmu b'mod effiċjenti u jidhru sintomi kliniċi. Dawn il-problemi jiżviluppaw bil-mod u spiss ikun diffiċli li tiġi stabbilita l-kawża. Sabiex jiġi evitat li s-sintomi jiħżienu u jsiru irriversibbli, il-hairdressers huma rakkomandati li jgħidu lit-tabib tagħhom dwar dawn is-sintomi malli jidhru.

Il-kawżi tad-disturbi muskuloskeletal huma qagħdiet li jikkawżaw strapazz, strapazz statiku u t-twettiq ta' movimenti ripetittivi.

Il-hairdressers normalment jassumu qagħdiet li jikkawżaw strapazz, bħal xogħol fl-istess pożizzjoni għal perjodi twal jew joqogħdu bilwieqfa għal perjodi twal filwaqt li jilbsu żraben mhux adattati. In-natura tax-xogħol tirrikjedi wkoll li jwettqu movimenti ripetittivi bħal li ripetutament jgħollu dirgħajhom 'il fuq minn spallejhom, jgħollu l-parti ta' fuq ta' digħrajhom, jistrieħu fuq il-ġenb jew jintlewew 'il quddiem, jgħawwġu għonqhom 'il quddiem u jistiraw wisq, u jgħawwġu jew idawwru l-polz. It-twettiq tal-istess movimenti b'mod ripetut u fuq perjodi twal iżid ir-riskju ta' disturbi muskuloskeletal.

L-istrapazz statiku jseħħ meta parti mill-ġisem tibqa' fil-biċċa l-kbira fl-istess pożizzjoni għal perjodu sostnut (aktar minn 4 sekondi), li matulu l-muskoli jkunu kontinwament taħt pressjoni. Dan jista' jwassal għal problemi li jaffettwaw l-ispallejn u d-digħrajn, kif ukoll id-dahar. Il-pożizzjonijiet tax-xogħol statiċi jistgħu jinkludu l-pożizzjoni bilqiegħda jew bilwieqfa jew it-tgħawwiġ 'il quddiem għal perjodi twal. L-istrapazz statiku huwa komuni f'xogħlijiet li jinvolvu movimenti frekwenti tad-digħrajn, tal-minkbejn, tal-polz u tas-swaba' filwaqt li ż-żona tal-għonq u tal-ispallejn tibqa' statika.

Miżuri preventivi u protettivi xierqa jinkludu l-adozzjoni ta' Prattiki tax-xogħol xierqa: il-hairdressers jeħtieġ jevitaw li jadottaw qagħdiet skomdi għal perjodi ta' żmien twal billi jalternaw il-kompiti (rotazzjoni tal-kompiti), ivarjaw bejn xogħol bilwieqfa u bilqiegħda, jużaw banketta tal-hairdressers, jimxu madwar il-klijenti tagħhom waqt li jkunu qed

jaħdmu, iżommu distanza xierqa (mhux qrib wisq, mhux fil-bogħod wisq, mhux fl-għoli wisq, mhux fil-baxx wisq), jitolbu lill-klijenti tagħhom jikkoperaw (eż. jitilgħu aktar 'il fuq jew jitbaxxew ftit) u jadottaw qagħda sana filwaqt li jiċċekkjaw fil-mera li l-qagħda tagħhom hija korretta. Miżuri oħrajn jinkludu l-aġġustament skont it-tul tal-klijent tas-siġġijiet u/jew tal-banketti għall-għoti ta' stil lix-xagħar, l-aġġustament tal-għoli tal-unità tal-ħasil tax-xagħar minn wara, l-użu ta' tekniki tal-qtugħ tajbin (minn pala sa pala) u l-użu ta' mqassijiet miżmuma tajjeb u ta' magni li jnixxfu li jkunu ħfief.

Aktar informazzjoni dwar kif il-hairdressers jistgħu jipprevjenu d-disturbi muskuloskeletalni hija disponibbli f'postijiet oħrajn⁽¹⁵⁾.

2.3.1. Għamla tal-post tax-xogħol u tagħmir adegwat

Id-disturbi muskuloskeletalni jistgħu jiġu kkawżati wkoll minn fatturi oħrajn.

Kawżi bħal dawn jinkludu post tax-xogħol imfassal ħażin, pereżempju passaġġi li ma humiex wesgħin biżżejjed; ostakoli; spazju insuffiċjenti għall-movimenti biex jitwettqu l-kompiti; għoli mhux korrett tas-siġġijiet għall-għoti ta' stil lix-xagħar, tas-siġġijiet tal-klijenti, tas-sinkijiet, ta' banketti bir-roti u ta' trolleys; art tiżloq; u dawl insuffiċjenti u/jew qawwi ħafna.

Ix-xogħol f'għoli ħażin jista' jpoġġi pressjoni fuq il-muskoli tad-dahar, tal-ispalla u tal-għonq tal-hairdressers. Dan jista' jsejtni jekk is-sinkijiet jew is-siġġijiet tal-hairdressers ma jkunux fl-għoli ideali. Pereżempju, jekk id-distanza bejn l-appoġġ għall-għonq u n-naħa ta' wara tas-sink tkun kbira wisq, il-hairdressers ikollhom jiġġebdu biex jilħqu lill-klijent. Dan jista' jikkawża problemi fid-dahar, fl-ispallejn u fid-dirgħajn.

Il-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni jaqgħu f'diversi oqsma.

Dawn li ġejjin huma karatteristiċi ta' ambjent tax-xogħol imfassal tajjeb:

- il-prossimità funzjonali tal-oqsma u taż-żoni differenti (li tippermetti ċ-ċirkolazzjoni libera tat-traffiku bejn iż-żoni differenti);
- spazju adegwat u organizzat tajjeb li jipprovdi l-libertà tal-moviment fl-istazzjonijiet tax-xogħol);
- dawl tajjeb (suffiċjenti iżda mhux qawwi wisq);
- pavimentar xieraq (stabli, uniformi, solidu u ma jiżloqx, mingħajr ostakli);
- ventilazzjoni tajba;
- temperatura konsistenti u adattata;
- kamra tal-pawżi u spazju tal-ħżin faċilment aċċessibbli għall-prodotti.

Għamara tajba hija wkoll importanti u tinkludi:

- siġġijiet għall-għoti ta' stil lix-xagħar li jkunu aġġustabbli (li fuqhom ipoġġu l-klijenti);
- sinkijiet awtonomi li jistgħu jiġu aġġustati skont it-tul, bl-għażla li jitqiegħdu f'pożizzjoni dijagonali;
- taħlita ergonomika ta' siġġijiet/unitajiet tal-ħasil tax-xagħar minn wara (bid-distanza bejn l-appoġġ għall-għonq u n-naħa ta' wara tal-unità tal-ħasil tax-xagħar minn wara b'tali mod li l-phairdressers ikunu meħtieġa jiġġebdu inqas lejn il-klijenti);
- banketti bir-roti li jistgħu jiġu aġġustati skont l-għoli, u b'sit li jdur, li jiżżerżaq bil-mod 'il quddiem biex tinżamm il-kurva naturali tal-ispina, u trolleys bir-roti aġġustabbli skont l-għoli.

⁽¹⁵⁾ Sorsi: Verhamme, M., "A close shave", *Transnational ESF Project – Final report – phase 1*, Coiffure, Ghent, 2014 (<https://www.videncenterforfrisorer.dk/wp-content/uploads/dokumenter/rapporter/A%20close%20shave.%20January%20March%202014%20TRANSNATIONAL%20ESF%20PROJECT.pdf>); u Coiffure, *Fiches Take Care of Yourself! – Skin prevention and ergonomics for hairdressers*, Coiffure, Ghent (https://www.febelhair.org/sites/default/files/ubk-fiches-zorg_voor_jezelf-en-lr.pdf).

Tagħmir tajjeb jinkludi:

- imqass ergonomiku b'serħan għas-swaba, adattat apposta għal utent lemini jew xellugi;
- klippers tax-xagħar ħfief u bla fili b'qabda f'forma ovali;
- xkupilji tax-xagħar ħfief b'manku twil biżżejjed u li ma jiżloqx, u hairdryers ergonomiċi (ħfief u kemm jista' jkun bla ħoss u adattati b'mod speċjali għal utent lemini jew xellugi), b'manku ċilindriku jew ovali, li jivvibraw mill-inqas possibbli.

In-nuqqas ta' manutenzjoni tat-tagħmir jew sostituzzjoni mhux adegwata ta' materjal danneġġat iżżid ir-riskju ta' korriment muskuloskeletal minn pożizzjonijiet ta' strapazz, sforzi, ripetizzjonijiet ta' movimenti, eċċ.

2.4. Mard tal-ġilda

L-aktar **sintomi** komuni ta' ekżema ta' kuntatt (irritanti u allerġika) huma ġilda xotta, irqajja' ħomor, ħakk, tqaxxir tal-ġilda, ġilda maqsuma / b'zieżaq, uġiġħ u ġilda mxaqqa.

L-ekżema hija reazzjoni ta' infjammazzjoni tal-ġilda li għandha kawżi differenti. L-ekżema ma titteħidx (u mhijiex ikkawżata minn batterji, fungi jew vajrusijiet) u ma tistax tiġi mgħoddija minn persuna għal oħra. Madankollu, il-ġilda danneġġata hija suxxettibbli għal infezzjoni.

Hemm żewġ tipi ta' ekżema ta' kuntatt (dermatite): irritanti u allerġika.

Il-kawżi tal-ekżema ta' kuntatt huma ambjent niedi u kożmetiċi, b'mod partikolari l-ħasil tax-xagħar mingħajr l-ilbies tal-ingwanti, li jwassal biex il-ġilda tiġi f'kuntatt dirett ma' prodotti kożmetiċi (xampù, żebgħa tax-xagħar, trattamenti tax-xagħar, eċċ.), u l-użu ta' imqass u xfafar fuq bażi regolari.

L-infjammazzjoni tal-idejn normalment tkun ir-riżultat ta' ġilda irritata kkawżata minn kuntatt għal żmien qasir ma' prodotti kożmetiċi b'saħħithom bħal bliċ jew żebgħa tax-xagħar; (prinċipalment) kuntatt ripetut ma' irritanti; u xogħol frekwenti bi prodotti niedja jew bi prodotti kożmetiċi ħfief bħal xampù u sapun.

Il-kuntatt ripetut mal-ilma huwa wieħed mill-aktar kawżi importanti tal-ekżema. Il-hairdressers għandhom riskju akbar ta' problemi tal-ġilda jekk idejhom ikunu esposti għall-ilma għal aktar minn sagħtejn kuljum, jekk idejhom ikunu mxarrba diversi drabi kuljum jew jekk japplikaw ix-xampù lill-klijenti aktar minn 10 darbiet kuljum.

2.4.1. Miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni

2.4.1.1. Protezzjoni adegwata tal-ġilda

Il-metodu bażiku ta' protezzjoni tal-ġilda huwa l-użu ta' prodotti kożmetiċi li joffru l-ogħla livell ta' protezzjoni għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema jew, jekk is-sostituzzjoni ma tkunx possibbli, l-użu ta' prodotti li jinvolvu l-aktar livell baxx ta' esponiment, u l-alternazzjoni tal-kompiti. Huwa rrakkomandat li jkun hemm bilanċ bejn ix-xogħol fl-imxarrab u fix-xott, meta possibbli, biex jiġi evitat kuntatt ripetut għal perjodi twal ta' ħin mal-ilma u ma' sustanzi li jikkawżaw irritazzjoni tal-ġilda. Fil-prinċipju, huwa rrakkomandat li l-hairdressers jużaw tip ta' sapun u krema tal-idejn ħfief (mingħajr aġenti koloranti u

fwejjaħ), tagħmir mingħajr nikil⁽¹⁶⁾ u ingwanti mingħajr trab⁽¹⁷⁾ (tip adattat ta' ingwanti mhux riutilizzabbli jew riutilizzabbli), ineħħu l-ġojjellerija minn ma' idejhom u subgħajhom meta jaħdmu u jaqtgħu ix-xagħar qabel jiżbgħuh.

Minbarra l-alternazzjoni tax-xogħol fl-imxarrab u fix-xott f'ħanut tax-xagħar, il-hairdressers jistgħu wkoll jiproteġu jdejhom fil-ħajja privata tagħhom billi jilbsu ingwanti sħan meta joħorġu barra fix-xitwa, billi jużaw ingwanti protettivi meta jwettqu xogħol fl-imxarrab fid-dar u jittrattaw il-feriti immedjatament u b'mod iġjeniku.

Kremi tal-ġilda. Huwa rakkomandat l-użu ta' kremi tal-ġilda newtrali, idratanti/li jrattab il-ġilda. Jenħtieġ li l-krema ma jkun fiha l-ebda aġent koloranti jew fwieħa, peress li dawn jistgħu jikkawżaw allerġiji. Il-ħaddiema kollha jeħtieġ jkollhom il-krema tagħhom stess, jew din trid tiġi pprovduta f'dispenser biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni inkroċjata bejn ħaddiema differenti.

Ingwanti (mhux riutilizzabbli jew riutilizzabbli – adattati għall-kompitu). It-tip adattat ta' ingwanti biss joffri protezzjoni. Għal xi attivitajiet tal-hairdressing, jixraq li jintużaw ingwanti mhux riutilizzabbli – li huma irqaq ħafna u ġeneralment aktar komdi – filwaqt li attivitajiet oħrajn tal-hairdressing jitwettqu aħjar bl-użu ta' ingwanti riutilizzabbli, li huma eħxen. L-ingwanti kollha għandhom ikunu mingħajr latex.

Ingwanti mhux riutilizzabbli. Minħabba li l-ilbies tal-ingwanti huwa l-aktar miżura importanti biex jitnaqqsu l-problemi tal-ġilda, jeħtieġ li l-ingwanti mhux riutilizzabbli jintużaw dejjem meta jsir taħlit, applikazzjoni u tlaħliħ taż-żebgħa tax-xagħar u tlaħliħ tal-kulur; meta jsir taħlit, applikazzjoni u tlaħliħ ta' aġenti tal-ibbliċjar; waqt it-tħejjija, l-applikazzjoni, in-newtralizzazzjoni u t-tlaħliħ ta' soluzzjonijiet għall-perm; u waqt tipi oħra ta' ħasil u tlaħliħ tax-xagħar.

Mhuwix rakkomandat li persuna taħdem b'idejha fl-ilma għal aktar minn 30 minuta fis-siegħa. U meta aktar minn nofs il-ġurnata tax-xogħol titqatta' għall-ħasil jew għat-tlaħliħ, hemm ċans kbir li l-ġilda tixxotta. Għal din ir-raġuni huwa rakkomandat li meta jitwettqu dawn il-kompiti, il-hairdressers jilbsu ingwanti mhux riutilizzabbli (mingħajr latex) b'pulzieri twal li jkopru l-polz u n-naħa t'isfel tad-driegħ (idealment b'tul ta' madwar 30 cm mill-polz sal-ponot tas-swaba') sabiex ma jkun jista' jidħol l-ebda likwidu. Dawn l-ingwanti jeħtieġ li jkunu mingħajr trab u lixxi kullumkien.

Il-hairdresser jistgħu jilbsu ingwanti rqaq tal-qoton taħt l-ingwanti reżistenti għall-ilma, biex jassorbu l-għaraq.

Ingwanti riutilizzabbli. Sabiex tiġi evitata l-ekżema fil-hairdressers, il-hairdressers jeħtieġ jużaw ukoll ingwanti aktar ħoxnin u riutilizzabbli għat-tindif u għad-diżinfettar tat-tagħmir, tas-sinkijiet, tal-art, eċċ.

L-ingwanti huma personali u qatt m'għandhom jiġu kondiviżi ma' ħaddieħor. L-ingwanti għandhom jitneħħew b'mod korrett. In-naħa ta' ġewwa tal-ingwanti riutilizzabbli għandha tkun xotta qabel ma dawn jerġgħu jintilbsu.

Pariri dwar l-użu tal-ingwanti:

- Ixtri l-għamla u d-daqs it-tajjeb (żgħir/medju/kbir).
- Qis li jdejk ikunu nodfa u xotti qabel ma tilbes l-ingwanti.
- Neħħi l-ġojjellerija.
- Applika l-krema wara li tneħħi l-ingwanti.

⁽¹⁶⁾ Sorsi: Verhamme, M., "A close shave", *Ergonomics for Start-up Hairdressers – Transnational ESF project*, Coiffure, Ghent, 2015 (<https://www.febelhair.org/sites/default/files/ergonomie-2015-en-lr.pdf>); Coiffure, *Fiches Take Care of Yourself! – Skin prevention and ergonomics for hairdressers*, Coiffure, Ghent (https://www.febelhair.org/sites/default/files/ubk-fiches-zorg_voor_jezelf-en-lr.pdf); u Verhamme, M., 'A close shave', *Transnational ESF Project – Final report – phase 1*, Coiffure, Ghent, 2014 (https://www.febelhair.org/sites/default/files/esf-project-eng_def-hr-zonder_afloop-printer.pdf).

⁽¹⁷⁾ Ara l-Linji Gwida dwar ir-Regolament PPE - Gwida għall-applikazzjoni tar-Regolament UE 2016/425 dwar it-tagħmir protettiv personali (<https://ec.europa.eu/docsroom/documents/29201?locale=mt>) u d-Direttiva tal-Kunsill 89/656/KEE tat-30 ta' Novembru 1989 dwar il-ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-użu ta' tagħmir ta' protezzjoni personali mill-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol.

- Qatt m'għandek terġa' tuża ingwanti mhux riutilizzabbli.
- Meta twettaq xogħol fl-imxarrab, aqleb il-pulzier tal-ingwanta tal-hairdresser.

2.4.1.2. Għamla tal-post tax-xogħol

Jeftieg ikun hemm stazzjon tat-taħlit separat li fil-biċċa l-kbira tiegħu għandu jkun separat mill-ħanut tax-xagħar.

2.4.1.3. Tagħmir mhux allergjiku

Xi persuni huma allerġiċi għan-nikil tal-metall u jesperjenzaw reazzjoni allergjika meta oġġetti, bħal ġojjellerija, jew tagħmir li fih in-nikil jiġu f'kuntatt mal-ġilda tagħhom. Il-hairdressers jistgħu jkunu allerġiċi għan-nikil qabel ma jidħlu fil-professjoni jew jiżviluppaw tali allerġija aktar tard (individwi li huma allerġiċi għal sustanza waħda huma suxxettibbli li jiżviluppaw allerġiji għal oħrajn). Fil-ħwienet tax-xagħar, in-nikil jista' jinstab f'għodod tal-azzar inossidabbli bħall-imqassijiet u l-furfiċetti, li jesponu lill-hairdressers li huma allerġiċi għar-riskju ta' irritazzjoni jew ta' reazzjonijiet allerġiċi.

Huwa rrakkomandat li l-hairdressers ineħħu l-ġojjellerija minn idejhom u subajhom u ma jilbsuhiex matul il-jum tax-xogħol. Dan minħabba li l-ilbies tal-ġojjellerija jxekkilmillhom milli jaħslu u jnixxfu dejhom b'mod korrett, li hija xi ħaġa li trid issir ta' spiss meta jitwettaq xogħol fl-imxarrab. Barra minn hekk, l-ilma u l-kożmetiċi jistgħu jidħlu taħt il-ġojjellerija u jikkawżaw problemi fil-ġilda.

Aktar informazzjoni dwar il-mard tal-ġilda hija disponibbli f'postijiet oħrajn⁽¹⁸⁾ ⁽¹⁹⁾.

2.5. Problemi respiratorji

Il-hairdressers jistgħu jesperjenzaw problemi respiratorji b'riżultat tal-esponiment għal sustanzi preżenti fi prodotti kożmetiċi bħal żebgħa, bliċ, prodotti li jillixxaw ix-xagħar, sprej tax-xagħar u fwejjaħ. Esponiment bħal dan jista' jikkawża reazzjoni allergjika fil-passaġġi tal-arja, li twassal għal sintomi li jinkludu sogħla, tħarħir u qtugħ ta' nifs, għatis, konġestjoni u ażma.

Ta' min jinnota li marda respiratorja tiżviluppa biss wara esponiment ripetut għal livelli baxxi ta' sustanzi bħal dawn fuq perjodu twil ta' żmien. Is-sintomi jistgħu jidhru wara l-użu tas-sustanza inkwistjoni u jiggravaw minħabba nuqqas ta' ventilazzjoni (xierqa). Maż-żmien, ladarba individwu jkollu livell ta' sensitizzazzjoni għal sustanza partikolari, kuntatt wieħed ma' ammonti saħansitra żgħir ħafna ta' dik is-sustanza jista' jwassal għas-sintomi f'livelli ħafna aktar baxxi minn dawk li inizjalment ikkawżaw l-istat ta' sensitività eċċessiva. Is-saħħa tal-individwu affettwat spiss titjeb meta ma jibqax jaħdem.

Il-miżuri ta' prevenzjoni u protezzjoni jinkludu l-valutazzjoni tar-riskju, l-użu tal-prinċipju tas-sostituzzjoni u sistema ta' ventilazzjoni tajba.

⁽¹⁸⁾ Sorsi: Verhamme, M., "A Close Shave", *Transnational ESF Project – Final report – phase 1*, Coiffure, Ghent, 2014 (<https://www.videncenterforfrisorer.dk/wp-content/uploads/dokumenter/rapporter/A%20close%20shave.%20January%20March%202014%20TRANSNATIONAL%20ESF%20PROJECT.pdf>); u Coiffure, *Fiches Take Care of Yourself! – Skin prevention and ergonomics for hairdressers*, Coiffure, Ghent.

⁽¹⁹⁾ Sors: "SafeHair 1 and 2: Skin protection in hairdressing work" fuq <https://www.safehair.eu/safehair/homepage>, inkluż Dokument ta' referenza mediku: https://www.safehair.eu/fileadmin/user_upload/documents/Documents/Grundlagendokument/Occupational_Skin_Diseases_in_hairdressing_EN.pdf.

Kif issuġġerit fit-taqsimha 1, l-impjegaturi jeħtieġ jivvalutaw ir-riskji biex jidentifikaw liema sustanzi bil-potenzjal li jikkawżaw problemi respiratorji jintużaw jew jiġu ġġenerati mill-kompiti mwettqa u jiddeċiedu min tista' ssirlu l-ħsara u b'liema mod. Sussegwentement, jeħtieġ jużaw prodotti li joffru l-ogħla livell ta' protezzjoni għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, jew prodotti li jinvolvu l-aktar livell baxx ta' esponiment f'konformità mal-prinċipju tas-sostituzzjoni. L-impjegaturi jridu jaħsbu dwar metodi biex jipprevjenu l-esponiment jekk is-sostituzzjoni ma tkunx possibbli u jnaqqsu l-konċentrazzjoni, il-ħin u l-frekwenza tal-esponiment, u n-numru ta' ħaddiema esposti. Għalhekk, il-valutazzjoni tar-riskju jeħtieġ tinkludi metodi ta' ġestjoni tal-emissjonijiet mis-sors billi jiġi mmodifikat il-proċess tax-xogħol (l-evitar tal-produzzjoni ta' aerosols u fwar, l-installazzjoni ta' sistema ta' ventilazzjoni tajba biex jiġu kkontrollati l-emissjonijiet u arranġamenti oħra fuq il-post tax-xogħol bħat-tfassil ta' żoni separati għat-taħlit tas-sustanzi).

Huwa rrakkomandat ferm li l-hairdressers jużaw aġenti tal-ibbliċjar u sprejs bil-pompa mingħajr fwar (mingħajr gass) u jiddilwixxu prodotti konċentrati (eż. xampù, żebgħa) bil-mod korrett.

Huwa rrakkomandat li l-esponiment u l-problemi tas-saħħa jiġu mmonitorjati u vvalutati mill-ġdid fuq bażi regolari. Fil-każ ta' sintomi respiratorji li jistgħu jkunu relatati max-xogħol, għandhom jiġu stabbiliti kontrolli mediċi. Huwa rrakkomandat li s-sejbiet jiġu rreġistrati u l-ħaddiema u/jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jiġu kkonsultati, b'mod partikolari, meta jiġu vvalutati r-riskji, l-esponimenti u l-problemi respiratorji li jseħħu fil-postijiet tax-xogħol, meta jiġu sostitwiti xi sustanzi, kif ukoll dwar l-għażla ta' tagħmir protettiv personali u dwar ir-riżultati tal-monitoraġġ, inkluż il-monitoraġġ tas-saħħa. Ta' min jinnota li għal xi ħaddiema, l-esponiment għal-latex jista' jirriżulta mhux biss f'raxx tal-ġilda, urtikarja, ħakk u sintomi fl-immieħer, fl-għajnejn jew fis-sinus, iżda wkoll f'allerġija għal-latex ⁽²⁰⁾ jew ażma.

Aktar informazzjoni dwar il-mard tal-ġilda hija disponibbli f'postijiet oħrajn ⁽²¹⁾.

2.6. Tinnitus, ħsara fis-smiġħ u għeja minħabba storbju fuq ix-xogħol

L-esponiment għal livell għoli ta' storbju fuq il-post tax-xogħol²² għal żmien twil jista' jikkawża tinnitus (ċempil, tisfir, żarżir jew damdim fil-widnejn) jew insuffiċjenza fis-smiġħ, li hija kundizzjoni ta' uġiġħ, u tista' twassal għal tfixkil fl-irqad. L-insuffiċjenza fis-smiġħ tista' tkun permanenti. Il-ħsara fis-smiġħ tista' tiġi kkawżata wkoll minn ħoss qawwi ħafna f'daqqa.

Livell għoli ta' storbju fuq ix-xogħol, li fil-każ ta' ħwienet tax-xagħar jiġi minn tagħmir storbjuż (eż. hairdryers) u mużika fl-isfond, jista' jagħmilha aktar diffiċli li wieħed jisma' twissijiet. Barra minn hekk, in-nies huma inqas konxji ta' x'qed jiġri madwarhom, li jista' jwassal għal riskji għas-sigurtà, b'riskju ta' korrimenti. L-istorbju jagħmel ukoll il-komunikazzjoni aktar diffiċli, u dan iżid is-sens tal-għeja.

It-naqqis fil-volum tal-istorbju fl-isfond, pereżempju billi l-mużika titbaxxa, jagħmilha aktar faċli li wieħed jitellem u jisma' lill-oħrajn jitellemu, u l-konverżazzjonijiet jistgħu jiġu segwiti aħjar.

⁽²⁰⁾ Hemm ukoll riskju ta' allerġija tat-tip I (xokk) għall-klijent.

⁽²¹⁾ Sors: EU-OSHA, "Respiratory sensitisers", *Facts 39*: <https://osha.europa.eu/en/publications/factsheet-39-respiratory-sensitisers/view>.

⁽²²⁾ Għal dispożizzjonijiet ġuridiċi, ara d-Direttiva 2003/10/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 dwar il-ħtiġiet minimi ta' saħħa u sigurtà li jirrigwardaw l-esposizzjoni ta' ħaddiema għal riskji li jirriżultaw minn aġenti fiżiċi (ħoss) (Is-Sbatax-il Direttiva individwali skond it-tifsira ta' l-Artikolu 16(1) tad-Direttiva 89/391/KEE), kif emendata, ĠU L 42, 15.2.2003, p. 38.

Linji gwida mhux vinkolanti għas-settur tal-hairdressing

Jeħtieġ li nistaqsu l-mistoqsija “Hemm problema ta’ storbju u jista’ jkolli konverżazzjoni normali mal-ħaddiema li naħdem magħhom li jkunu f’distanza ta’ żewġ metri?”. Jekk ma jkunx possibbli li jitnaqqas l-istorbju tat-tagħmir, allura idealment dan għandu jiġi sostitwit b’tagħmir li jkun inqas storbjuż jew bi proċess differenti li jagħmel inqas storbju u billi jiġi limitat il-ħin li l-ħaddiema jgattgħu fi spazju storbjuż.

Lista ta' links utli

Fuljetti prodotti mis-sħab soċjali

Verhamme, M., "A close shave", *Ergonomics for Start-up Hairdressers – Transnational ESF project*, Coiffure, Ghent, 2015: <https://www.febelhair.org/sites/default/files/ergonomie-2015-en-lr.pdf>.

Verhamme, M., "A close shave", *Preventing Skin Complaints for Start-up Hairdressers – Transnational ESF project*, Coiffure, Ghent, 2015: <https://www.febelhair.org/sites/default/files/huidpreventie-2015-en-lr.pdf>.

Coiffure, *Fiches Take Care of Yourself! – Skin prevention and ergonomics for hairdressers*, Coiffure, Ghent: https://www.febelhair.org/sites/default/files/ubk-fiches-zorg_voor_jezelf-en-lr.pdf.

Verhamme, M., "A close shave", *Transnational ESF Project – Final report – phase 1*, Coiffure, Ghent, 2014: https://www.febelhair.org/sites/default/files/esf-project-eng_def-hr-zonder_afloop-printer.pdf.

SafeHair, "SafeHair 1 and 2" (proġett tas-sħab soċjali dwar il-protezzjoni tal-ġilda fix-xogħol tal-hairdressing): <https://www.safehair.eu/safehair/homepage/>.

ErgoHair, *Cut to the Chase! – Ergonomic tips for the employer*, EU Project ErgoHair VS/2017/0077: <https://www.ergohair.eu/wp-content/uploads/ERGOHAIR-EMPLOYERS-2019-ENG.pdf>.

ErgoHair, *Cut to the Chase! – Ergonomic tips for the employee*, EU Project ErgoHair VS/2017/0077: <https://www.ergohair.eu/wp-content/uploads/ERGOHAIR-EMPLOYEES-2019-ENG.pdf>.

ErgoHair, *Cut to the Chase! – Ergonomic tips for education and training*, EU Project ErgoHair VS/2017/0077: <https://www.ergohair.eu/wp-content/uploads/ERGOHAIR-EDUCATION-2019-ENG.pdf>.

Studji mis-sħab soċjali

ErgoHair, *Musculoskeletal Health of Hairdressers – Protection of occupational health and safety at workplace*, 2019 (dokument ta' referenza mediku): <https://www.ergohair.eu/wp-content/uploads/ERGOHAIR-MEDICAL-REFERENCE-DOCUMENT-2019-ENG.pdf>.

Sonsmann, F., Braumann, A., Wilke, A., Malte John, S. and Wulfhorst, B., *Occupational Skin Diseases in the Hairdressing Trade*, University of Osnabrück (dokument ta' referenza mediku):

https://www.safehair.eu/fileadmin/user_upload/documents/Documents/Grundlagendokument/Occupational_Skin_Diseases_in_hairdressing_EN.pdf.

Skoufi, G. I., Nena, E., Kostikas, K., Lialios, G. A., Constantinidis, T. C., Daniil, Z. u Gourgoulialis, K., "Work-related respiratory symptoms and airway disease in hairdressers", *International Journal of Occupational and Environmental Medicine*, vol. 4, 2013, pp. 53–60.

Dulon, M., Peters, C., Wendeler, D. u Nienhaus, A., "Trends in occupational airway diseases in German hairdressers: Frequency and causes", *American Journal of Industrial Medicine*, vol. 54, 2011, pp. 486–493.

Eżempji mill-Istati Membri

ErgoHair, *Good Practice Examples*: <https://www.ergohair.eu/wp-content/uploads/ERGOHAIR-GOOD-PRACTICE-EXAMPLES-2019-ENG.pdf>.

"A close shave" (vidjo bl-Olandiż, b'sottotitoli bl-Ingliż): <https://www.youtube.com/watch?v=Fhi4cXg7gqM>.

"Healthy Hairdresser": <https://healthyhairdresser.nl/>.

Pubblikazzjonijiet tal-EU-OSHA

OSHWiki:

[https://oshwiki.eu/wiki/Occupational_Safety_and_Health_Administration_\(OSHA\)](https://oshwiki.eu/wiki/Occupational_Safety_and_Health_Administration_(OSHA))

"Psychosocial risks and stress at work": <https://osha.europa.eu/mt/themes/psychosocial-risks-and-stress>.

E-facts 34 – Risk assessment for hairdressers: <https://osha.europa.eu/en/publications/e-fact-34-risk-assessment-hairdressers>.

Is-saħħa miskoloskeletal tal-parrukkiera: <https://osha.europa.eu/mt/publications/musculoskeletal-health-hairdressers/view>.

Occupational Health and Safety in the Hairdressing Sector (rapport dwar ir-riskju tas-saħħa fil-hairdressing): <https://osha.europa.eu/en/publications/occupational-health-and-safety-hairdressing-sector/view>.

OiRA

"Kif għandha ssir evalwazzjoni tar-riskju": <https://oiraproject.eu/mt/how-carry-out-risk-assessment>.

"OiRA tools" (settur tal-hairdressing): https://oiraproject.eu/mt/oir-tools?text=&field_sector_category%5B1192%5D=1192&sort=date.

Kwistjonijiet relatati mal-COVID-19

"COVID-19: Back to the workplace – Adapting workplaces and protecting workers": https://oshwiki.eu/wiki/COVID-19:_Back_to_the_workplace_-_Adapting_workplaces_and_protecting_workers.

Għodda tal-OiRA – reviżjoni għall-COVID-19: <https://oiraproject.eu/oir-tools/eu/covid-19/covid-19-revision>.

"COVID-19 – Protection of the Health of Hairdressers": <https://coiffure.eu/social-dialogue/official-documents/covid-19-protection-health-hairdressers>.

KIF TAGĦMEL KUNTATT MAL-UE

Personalment

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm mijiet ta' ċentri ta' informazzjoni tal-Europe Direct. Tista' ssib l-indirizz tal-eqreb ċentru għalik fuq: https://europa.eu/european-union/contact_mt

Bit-telefon jew permezz tal-posta elettronika

Europe Direct huwa servizz li jwieġeb għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea. Tista' tikkuntattja lil dan is-servizz:

- permezz ta' numru tat-telefon bla ħlas: 00 800 6 7 8 9 10 11 (xi operaturi jistgħu jitolbu ħlas għal dawn it-telefonati),
- fuq in-numru standard li ġej: +32 22999696 jew
- permezz tal-posta elettronika fuq: https://europa.eu/european-union/contact_mt

KIF ISSIB TAGĦRIF DWAR L-UE

Online

L-informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE hija disponibbli fuq is-sit web Europa fuq: https://europa.eu/european-union/index_mt

Pubblikazzjonijiet tal-UE

Tista' tniżżel jew tordna pubblikazzjonijiet tal-UE mingħajr ħlas u anke bi ħlas minn: <https://op.europa.eu/mt/web/general-publications/publications>. Tista' tikseb diversi kopji ta' pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas billi tikkuntattja lil Europe Direct jew liċ-ċentru ta' informazzjoni lokali tiegħek (ara https://europa.eu/european-union/contact_mt).

Id-dritt tal-Unjoni u dokumenti relatati

Sabiex ikollok aċċess għal informazzjoni legali mill-UE, inkluż il-liġijiet kollha tal-UE mill-1952 fil-verżjonijiet bil-lingwi uffiċjali kollha, żur EUR-Lex fuq: <http://eur-lex.europa.eu>

Data miftuħa mill-UE

Il-Portal tad-Data Miftuħa tal-UE (<https://data.europa.eu/mt>) jipprovdi aċċess għas-settijiet tad-data mill-UE. Id-data tista' titniżżel u terġa' tintuża mingħajr ħlas, għal finijiet kemm kummerċjali kif ukoll mhux kummerċjali.



Publications Office
of the European Union